MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 753/1993/2

**Horace Fenech**

**v.**

**Carmelo Schiavone u Carmelo Schiavone**

**Il-Qorti,**

1. Dan hu rikors ta' ritrattazzjoni li permezz tieghu l-konvenuti Schiavone, issa ritrattandi, qeghdin jitolbu s-smigh mil-gdid tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Frar 2008, u dan wara li qabel xejn tigi mhassra l-istess sentenza.

2. Is-sentenza li r-ritrattandi qeghdin jimpunjaw sejra tigi riprodotta hawn kollha kemm hi ghaliex fiha hemm inkluz id-dettalji kollha li huma rilevanti u necessarji biex tinftiehem l-odjerna procedura. Is-sentenza impunjata tghid hekk:

"**Preliminari:**

"Din hija azzjoni revindikatorja.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bi tliet kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, wieħed tas-17 ta' Lulju 1992, ieħor tat-13 ta' April 1993, u ieħor tat-12 ta' Mejju 1993, l-attur kien xtara għalqa b'żewġt ikmamar, kamra oħra żgħira, u bir. Din l-għalqa qiegħda il-Kali, jew il-Qali, kuntrada ta' Delimara, limiti taż-Żejtun u Marsaxlokk, u għandha kejl ta' cirka ħamest elef u tmienja u ħamsin metru kwadrat (5,058 $m^2$), aċċessibbli bil-vetturi min-naħa ta' Nofsinhar minn sqaq, u tmiss mit-Tramuntana ma' rdum għal fuq il-baħar, mil-Lvant ma' rdum għal fuq is-Salina, u min-Nofsinhar parti ma' ġid ta' l-attur u parti ma' ġid il-werrieta ta' Giovanni Mifsud, fejn l-għalqa għandha l-aċċess għall-isqaq imsemmi fuq. Il-konvenuti (li huma missier u ibnu) għandhom f'idejhom parti minn din l-għalqa li għandha kejl ta' xi żewġ tumoli, daqs elfejn, mitejn u tmienja u erbgħin metru kwadrat (2,248m2), u hemm fuqha l-kamra u xi strutturi oħra. Qegħdin jgħidu wkoll li għandhom titolu tajjeb biex iżommu din il-biċċa ta' l-għalqa. L-attur, iżda, ma jaqbilx magħhom għax qed jgħid illi minn riċerki li għamel jidher bla dubju illi l-għalqa msemmija fuq, magħduda wkoll il-parti li qegħdin iżommu l-konvenuti, hija issa proprjetà assoluta tiegħu. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex joħorġu mill-għalqa, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-Qorti:

"1) tgħid illi l-għalqa msemmija fuq hija proprjetà assoluta tiegħu;

"2) tgħid illi l-konvenuti ma għandhom ebda titolu fil-liġi biex iżommu f'idejhom parti minn din l-għalqa bil-bini li hemm fuq dik il-parti;

"3) tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir li jingħatalhom huma jwaqqgħu u jneħħu kull binja li għamlu fuq l-għalqa, joħorġu minnha, u jrodduha lill-attur kif kienet qabel; u

"4) jekk il-konvenuti jonqsu milli jagħmlu dan, tagħti lill-attur is-setgħa li jagħmel ix-xogħlijiet kollha meħtieġa, u jħallsu l-ispejjeż il-konvenuti."

“Talab ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ ittra interpellatorja tas-17 ta’ Awwissu 1992, tal-protesti ġudizzjarji tas-16 ta’ Novembru 1992 u tas-6 ta’ Jannar 1993, u ta’ l-ittra uffiċjali tas-27 ta’ Mejju 1993.

“Il-konvenut Carmelo Schiavone *junior* ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

"1) l-attur għandu juri li tħarset id-dispożizzjoni ta’ l-art. 40 ta’ l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni (Kap. 239), li kien fis-seħħ meta saru s-suċċessjonijiet causa mortis ta’ l-awturi tiegħu;

"2) l-eċċipjent għandu l-pussess ta’ l-art skond il-liġi, u għalhekk lill-attur jeħtieġlu jġib il-prova tat-titolu li qed jippretendi;

"3) l-eċċipjent u l-awturi tiegħu ilhom iżommu l-art f’idejhom għal aktar minn tletin sena, u għalhekk f’kull każ kull azzjoni ta’ l-attur waqgħet skond l-Art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili; u

"4) it-talbiet ta’ l-attur huma għalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu."

“Il-konvenut Carmelo Schiavone *senior* ressaq l-eċċezzjoni illi huwa ma għadx fadallu interess fl-art meritu tal-kawża għaliex kien għadda din l-art lill-ibnu, il-konvenut l-ieħor, b’kuntratt tat-2 ta’ Awwissu 1993, fl-atti tan-Nutar Mario L. Felice. Ressaq ukoll tliet eċċezzjonijiet oħra li huma l-istess bħat-tieni, it-tielet u r-raba’ eċċezzjoni ta' ibnu.

“**Is-sentenza appellata.**

“Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tat-8 ta’ April 2005, li permezz taghha, u ghar-ragunijiet hemm moghtija, ikkonkludiet hekk:

“Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur: tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien xahrejn millum huma joħorġu mill-għalqa li qegħda il-Kali, jew il-Qali, kuntrada ta’ Delimara, limiti taż-Żejtun u Marsaxlokk, murija fuq il-pjanta mħejjija mill-A.I.Ċ. Andrew Ellul u ezebita fol. 432 tal-proċess, wara li jkunu neħħew minn fuqha kull binja li tellgħu huma. Fil-każ illi l-konvenuti jonqsu milli jagħmlu dan fiż-żmien li qed jingħatalhom, il-Qorti tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ żgumbrament kontra tagħhom, u tagħti lill-attur is-setgħa li jneħħi hu kull binja li tellgħu l-konvenuti, u jiġbor mingħandhom l-ispejjeż relattivi.

"Il-konvenuti għandhom iħallsu wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji.”

“U dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“La darba din hija azzjoni revindikatorja, fejn l-attur qed igħid illi l-konvenuti għandhom f’idejhom proprjetà tiegħu, sewwa qal il-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu illi tmiss lill-attur id-*diabolica probatio* biex juri t-titolu tiegħu għall-art u għalhekk iwaqqa’ l-preżunzjoni ta’ proprjetà li l-Art. 525(1) tal-Kodiċi Ċivili joħloq favur il-pussessur. Sakemm ma ssirx din il-prova, il-pussess tal-konvenuti huwa titolu biżżejjed, li jista’ jitwaqqa’ biss billi l-attur juri titolu oriġinali għall-art.

“L-għerq tat-titolu li qed jippretendi l-attur huwa mfisser fil-paragrafi ħamsa sa tnax (5-12) tad-dikjarazzjoni maħlufa mill-attur[1].

---

1 *Foll.* 4 *et seq.*

"Il-qorti, wara li rat il-kuntratti relattivi, hija sodisfatta illi lill-attur seħħlu li juri titolu fuq l-art ġej mit-22 ta' Awwissu 1896 u li jwassal sa għandu b'serje ta' titoli derivattivi, kif imfisser tajjeb ħafna fir-relazzjoni tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, maħtur Perit Legali b'digriet tat-30 ta' Novembru 2001. Bil-preżunzjoni ta' kontinwità fil-pussess li joħolqu l-Art. 528 u 529 tal-Kodiċi Ċivili — *probatis extremis media præsumuntur* — dawn it-titoli ikkonsolidaw fit-titolu oriġinali ta' l-użukapjoni — li hija titolu tajjeb għall-għanijiet ta' din l-azzjoni — sa mill-1906, wara għaxar snin[2]. Saret ukoll, permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni[2], il-prova li kien irid l-Art. 40 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni (Kap. 239).

"Din il-prova li għamlu l-atturi tkun biżżejjed jekk il-konvenuti ma jurux li, wara l-1906, huma kisbu l-pussess ta' din l-art u żammew dan il-pussess, bil-kwalifiki kollha msemmija fl-Art. 2107(1) tal-Kodiċi Ċivili, għaż-żmien ta' tletin sena li jrid l-Art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili, u hekk ikunu kisbu l-proprjetà huma wkoll b'titolu ta' użukapjoni, għalkemm ta' tletin sena, mhux ta' għaxar snin, billi l-konvenuti ma wrewx illi l-pussess tagħhom kien beda b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà. Bil-fatt illi l-attur fetaħ din il-kawża qiegħed jistqarr illi l-pussess ta' l-art mhux f'idejh, iżda qiegħed f'idejn il-konvenuti. L-attur qiegħed igħid ukoll illi l-pussess ta' l-atturi huwa wieħed "bla titolu"[3]; dan ifisser illi l-attur qiegħed jaqbel mal-konvenuti illi dak li għandhom il-konvenuti huwa pussess u mhux biss detenzjoni, għax fejn ma jkunx hemm titolu ma jistax ikun hemm *causa detentionis*. Fil-fatt l-attur stqarr ukoll illi hu kien akkwista l-art mingħand min dak iż-żmien ma kellux pussess tagħha[4]. Fadal għalhekk li naraw jekk il-konvenuti kellhomx dan il-pussess għal żmien biżżejjed qabel ma nkiser iż-żmien bin-notifika ta' att ġudizzjarju.

"Il-konvenuti qegħdin igħidu li dan il-pussess ilu f'idejhom għal aktar minn tletin sena, żmien biżżejjed biex iwaqqa' l-azzjoni ta' l-attur taħt l-Art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk lill-

---

2 *Fol.* 120.

3 Ara x-xiehda ta' l-attur fis-seduta tas-7 ta' Marzu 1997, *fol.* 222.

4 *Ibid. fol.* 223.

konvenuti jseħħilhom illi jagħmlu din il-prova, ikun seħħilhom ukoll illi jwaqqgħu t-titolu ta' l-attur, li jkun għalhekk tilef it-titolu tiegħu bil-preskrizzjoni estintiva fl-istess waqt li jkun inkiseb mill-konvenuti bl-użukapjoni ta' tletin sena.
"Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm huwa minnu illi lill-konvenuti seħħilhom li jagħmlu din il-prova, għax urew illi għamlu atti ta' pussess materjali fuq l-art *de qua*, u dan għal aktar minn tletin sena qabel ma saritilhom sejħa b'att ġudizzjarju biex jitilqu l-art, madankollu, ma jistax jingħad illi l-pussess tagħhom kien "mhux ekwivoku". Fil-fatt l-awturi ta' l-attur ukoll kienu jagħmlu atti ta' pussess fuq l-art, kif jixhed il-fatt li saret kirja ta' parti minnha lis-servizzi ingliżi fl-1952[5], li baqgħet isseħħ sal-31 ta' Lulju 1963, kif tixhed il-*payment slip* relativa[6], u kirja wkoll lill-gabillotti Mercieca. Din l-aħħar kirja kienet għadha sseħħ sa xi għoxrin sena qabel ma nfetħet il-kawża fl-1993[7], anqas minn tletin sena qabel il-ksur tal-preskrizzjoni b'att ġudizzjarju, u għalhekk il-konvenuti ma jistgħux igħidu li kisbu l-proprjetà bis-saħħa ta' pussess mhux miksur u mhux ekwivoku għal tletin sena.

"Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, waqt illi lill-attur seħħlu li jagħmel prova tat-titolu tiegħu biex jegħleb il-preżunzjoni li jgawdu l-konvenuti bil-pussess, lill-konvenuti ma seħħilhomx juru li bis-saħħa tal-pussess tagħhom u l-mogħdija taż-żmien huma kisbu l-proprjetà.

"Fadal il-kwistjoni mqajma fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Schiavone *senior*, li jgħid illi hu ma fadallux interess fl-art għax kien biegħha lill-konvenut l-ieħor. Huwa minnu li l-missier biegħ lil ibnu, iżda l-bejgħ sar fit-2 t'Awissu 1993, meta ż-żewġ konvenuti kienu ġà mgħarrfa, b'att ġudizzjarju[8], li l-attur kellu pretensjoni fuq l-art. Għalhekk l-azzjoni saret sew kontra Carmelo Schiavone *senior* ukoll, skond l-Art. 322(2) tal-Kodiċi Ċivili."

---

5 *Fol.* 184.
6 *Fol.* 185.
7 Ara l-*affidavit* mahluf minn Nazzarenu Mercieca fil-15 ta' Settembru 1993, para. 8, *fol.* 399.
8 *Foll.* 104 *et seqq.*

"**<u>L-appell tal-konvenuti.</u>**

"Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat quddiem din il-Qorti fis-27 ta' April 2005, talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza imsemmija u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

"L-attur appellat ipprezenta risposta ghar-rikors tal-konvenuti fejn, filwaqt li ddikjara li s-sentenza appellata hija gusta talab li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

"**<u>Ikkunsidrat:</u>**

"F'dawn il-proceduri l-attur qed jittanta li jirrivindika minghand il-konvenuti bicca art maghrufa bhala Tal-Kali fil-kuntrada ta' Delimara fil-limiti ta' Marsaxlokk, liema art, jghid l-attur, tinsab fil-pussess tal-konvenuti minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Il-konvenuti qed jilqghu ghal din it-talba billi jghidu li l-attur irid igib prova tat-titolu tieghu u fi kwalunkwe kaz din l-art ilha fil-pussess taghhom minn zmien immemorabbli u b'hekk akkwistaw dritt fuqha bl-uzukapione.

"Fi proceduri bhal dawk odjerni l-attur irid iressaq prova inkonfutabbli tat-titolu tieghu fuq l-art reklamata u fin-nuqqas t-talba ghanda tigi michuda u l-konvenuti, li ghandhom il-pussess, ma jigux disturbati f'dak il-pussess. Fil-kaz in ezami izda l-konvenuti mhux biss qed jistriehu fuq il-pussess taghhom izda qeghdin ukoll jivvantaw titolu fuq l-art billi, skond huma, kellhom pussess ta' l-istess ghal perjodu ta' aktar minn 30 sena u liema pussess kien *animo domini*.

"Din il-Qorti izda, tinsab perplessa billi fil-mori tal-proceduri l-istess konvenuti donnhom biddlu d-difiza

taghhom u allegaw li l-art in kwistjoni kienet fil-pussess taghhom b'titolu ta' cens perpetwu pagabbli lill-Kurja u derivanti lilhom mill-familja Caruana. Din l-allegazzjoni izda ma tistax tittiehed bis-serjeta` billi jidher car li l-art deskritta mhux dik in kwistjoni stante li, fl-ewwel lok, l-art mertu tal-kawza mhux soggetta ghal ebda cens. Fit-tieni lok l-art okkupata mill-konvenuti hija ta' kapacita` akbar minn dik li tirrizulta fid-denunzja ta' Lorenzo Caruana, minn fejn il-konvenuti jghidu li jidderivaw it-titolu taghhom. Infatti fid-denunzja tas-successjoni tieghu l-art li tinsab f'Tal-Qali hi deskritta bhala ta' kapacita` ta' *tomna cirka*, u cioe` 1124 m.k. mentri dik prezentement okkupata mill-konvenuti, kif jidher mir-rapport tekniku tal-A.I.C Andrew Ellul, imqabbad mill-Qorti fuq talba tal-kontendenti u li l-konkluzjonijiet tieghu l-partijiet qablu maghhom, hija tal-kejl ta' 2125 m.k. Fl-ahharnett jigi osservat li l-irjieh ta' l-art li kienet posseduta mill-istess Lorenzo Caruana u dawk ta' l-art li qed jokkupaw il-konvenuti ma jaqblux. Tant hu hekk li fid-denunzja ta' Lorenzo Caruana, awtur tal-konvenuti, jirrizulta li l-art posseduta minnu u li kienet tinsab f'tal-Qali kienet konfinata "*da Levante con vicolo*" mentri jekk wiehed ihares lejn id-diversi mapep li jinsabu fil-process u senjatament dik a fol. 174 li tindika l-art okkupata mill-konvenuti, il-"*vicolo*" jinsab fuq il-punent tal-art u mhux fuq Lvant. B'dana kollu jidher li meta l-konvenut Carmelo Schiavone (*Senior*) ittrasferixxa art, allegatament dik mertu tal-kawza, lill-ibnu bil-kuntratt tat-2 ta' Awwissu 1993, in atti Nutar Mario Felice, sar tentattiv biex l-art trasferita tkun tirraprezenta l-art okkupata mill-konvenuti billi hemm jinghad li l-istess art tmiss "*mill-<u>punent</u> ma' sqaq*", meta din id-deskrizzjoni ma tirriflettix dak li kien jirrizulta fil-passat.

"Ghalhekk jidher li hemm zewg kwistjonijiet li jridu jigu ezaminati f'din il-kawza u cioe` il-prova tat-titolu ta' l-attur u f'kaz li dan jirrizulta, irid jigi stabbilit jekk il-konvenuti ghandhomx dritt aktar qawwi akkwizit bl-uzukapione.

"**<u>Ikkunsidrat:</u>**

“Minn ezami tal-provi li jinsabu fil-process jidher, kif wara kollox irrikonoxxiet l-ewwel Qorti, li l-attur irnexxielu juri li l-art mertu tal-kawza kienet giet ghandu b’mod validu. Infatti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu tal-20 ta' Settembru 2000, l-attur ighid hekk:

"4. *Fil-qosor jirrizulta li l-art in kwistjoni (dik kulurita bl-ahmar u markata bl-ittra A1 fil-pjanta annessa mal-kuntratt datat 17 ta’ Lulju, 1992, atti Nutar Dr. Joseph Tabone), kienet inxtrat mir-Reverendu Dun Giabattista Spadaro bis-sahha ta’ kuntratt datat 22 ta’ Awwissu, 1896, atti Nutar Giabattista Saydon, minn ghand il-werrieta tas-sid originali li kien Antonio Abela maghruf bhala ‘tal-basbas’. Dan Antonio Abela miet fit-22 ta’ Marzu, 1890. Il-werrieta ta’ dan Antonio Abela kienu t-tlett uliedu, cioe`, Angelo Abela, Maria Mercieca nee’ Abela, u Mikelina Spiteri nee’ Abela, vendituri fuq l-att tal-1896.*

*"5. Wara li xtara din l-ghalqa, Dun Giabattista Spadaro kien qabbilha lil Angelo Mercieca, ir-ragel ta’ Maria Mercieca, li kien bidwi. Din l-istess ghalqa baqghet tinhadem mill-familja Mercieca, bil-qbiela regolarment imhallsa lis-sid, sa ma l-ahhar wiehed, Nazzareno Mercieca, xhud f’din il-kawza, taghha lura lis-sid, Joseph Mary Pace u li dan is-Sur Pace kien writha minghand iz-zijiet tieghu, Dun Guglielmo Pace Spadaro u Innocenza Pace Spadaro, li kienu l-werrieta ta’ Dun Giabattista Spadaro.*

*"6. Is-sid, Joseph Mary Pace, kellu sitt ulied. Aktar tard, bis-sahha ta’ testment fl-atti tan-Nutar Emanuel Agius tat-12 ta’ Novembru, 1966, Joseph Mary Pace, halla din l-ghalqa bhala proprjeta` komuni bejn is-sitt uliedu. Ulied Joseph Mary Pace u l-eredi taghhom bieghu din l-ghalqa lill-esponenti bil-kuntratt ta’ Lulju, 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone.....*”

“Minn dan l-estratt mehud mill-imsemmija nota ta’ osservazzjonijiet ta' l-attur johrog tajjeb il-mod kif il-proprjeta` mertu tal-kawza giet f’idejn l-attur. Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha u senjatament dawk ezebiti mad-

dikjarazzjoni ta' l-attur, u hi sodisfatta li dak li gie deskritt hawn fuq ghandu mis-sewwa. Konsegwentement l-ewwel Qorti kienet pjenament korretta li tikkonkludi hekk:

"Il-Qorti, wara li rat il-kuntratti relattivi, hija sodisfatta illi lill-attur seħħlu li juri titolu fuq l-art ġej mit-22 ta' Awwissu 1896 u li jwassal sa għandu b'serje ta' titoli derivattivi, kif imfisser tajjeb ħafna fir-relazzjoni tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, maħtur Perit Legali b'digriet tat-30 ta' Novembru 2001. Bil-preżunzjoni ta' kontinwità fil-pussess li joħolqu l-Art. 528 u 529 tal-Kodiċi Ċivili — *probatis extremis media præsumuntur* — dawn it-titoli ikkonsolidaw fit-titolu oriġinali ta' l-użukapjoni — li hija titolu tajjeb għall-għanijiet ta' din l-azzjoni — sa mill-1906, wara għaxar snin. Saret ukoll, permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni[9], il-prova li kien irid l-art. 40 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni (Kap. 239).

"**<u>Ikkunsidrat:</u>**

"Dwar il-kwistjoni tal-pussess vantat mill-konvenuti jidher, kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti, illi ma jistghax jinghad li dan il-pussess taghhom kien "*mhux ekwivoku*". Infatti jirrizulta li l-ghalqa in kwistjoni kienet mikrija lill-gabillotti Mercieca u li sahansitra fin-1952 sid l-art kien ikkonceda parti mill-istess art okkupata mill-konvenuti b'titolu ta' kera lis-Servizzi Inglizi - kollox kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u xhieda relevanti.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti, b'dana li l-perjodu ta' xahrejn biex il-konvenuti johorgu mill-art in kwistjoni wara li jnehhu minn fuqha kull binja li tellghu huma, jibda jiddekorri mil-lum."

3. Ir-ritrattandi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom biex il-kawza tigi ritrattata wara li tigi mhassra s-sentenza in kwistjoni fuq il-bazi tas-subincizi (e) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni Procedura Civili, u cioe` li s-

[9] *Fol.* 120

sentenza impunjata applikat il-ligi hazin u li l-istess sentenza kienet effet ta' zball li jidher mil-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

4. Ir-ritrattandi jissottomettu illi s-sentenza impunjata tikkontjeni zball ghax hija tat raguni lill-attur *nonostante* li kienu gew ezebiti dokumenti skjaccanti favur it-tezi tal-konvenuti. Ir-ritrattandi enfasizzaw is-segwenti aspetti;

a. Li s-sentenza impunjata injurat ghal kollox il-fatt li fir-raba in kwistjoni r-ritrattandi qatt ma kellhom kamra;
b. Li l-kuntratt li ezebixxa l-attur kien jindika zewgt (2) ikmamar u zewgt (2) ibjar. Dawn qatt ma ezistew fir-raba tar-ritrattandi;

c. Li hemm x'juri li r-ritrattandi kellhom titolu ta' cens u b'dana kollhu l-attur qed jghid li kien akkwista l-fond minghand haddiehor;

d. Li l-attur ma ppruvax it-titolu tieghu;

e. Li s-sentenza impunjata skartat u injurat ghal kollox il-provi skjaccanti li ppruvaw it-titolu tar-ritrattandi;

f. Li s-sentenza impunjata zbaljat ghal kollox anke fir-rigward ghall-kejl, aspett li l-Perit Legali kien wera dubju dwaru;

g. Li s-sentenza impunjata injorat ghal kollox il-fatt li gie stabbilit u approvat u cioe` li r-ritrattandi kellhom pusses ta' l-ghalqa in kwistjoni minghajr l-ebda interuzzjoni ghal aktar minn tletin (30) sena.

5. Minn ezami anki superficjali tar-rikors promotur ta' din il-procedura, jidher car li l-istess rikors gie konfezzjonat b'mod pjutost mghaggel u konfuz. Tant hu hekk li wiehed certament ma jkunx qieghed jizbalja jekk jikkonsidra l-motivazzjonijiet li gew elenkati fil-paragrafu precedenti u li fuqhom ir-ritrattandi jibbazaw it-talba ghar-ritrattazzjoni taghhom bhala superficjali ghall-ahhar u bhala li huma neqsin min dik is-serjeta` li wiehed jistenna li jsib fl-att li bih tintalab impunjazzjoni ta' sentenza u

ritrattazzjoni ta’ kawza maqtugha fl-appell. Dana qed jinghad ghaliex ir-ritrattandi donnhom ma jaghmlu l-ebda differenza bejn il-procedura ta’ l-appell u l-procedura tar-ritrattazzjoni. Huma donnhom jinjuraw ghal kollox il-principju li tant drabi gie ribadit fis-sentenzi tal-Qrati taghna u cioe` li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li tkun saret *res iudicata* ghandha forza ta’ ligi bejn il-kontendenti. Konsegwentement gie dejjem ritenut li l-motivi li jistghu jiggustifkaw ritrattazzjoni huma dawk biss li specifikatament huma elenkati fil-ligi u dawn il-motivi ghandom jigu interpretati ristrettivament. *Inoltre* gie dejjem ritenut li l-kundizzjonijiet u d-dettami li l-ligi timponi ghal ezercizzju ta’ l-istess rimedju ta’ ritrattazzjoni ghandom dejjem jigu osservati skrupolozament.

6. Hekk l-Artikolu 816 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili wara li jsemmi x’ghandu jkun fih ir-rikors li jippromwovi talba ghar-ritrattazzjoni, <u>esplicitament jimponi obligu fuq ir-ritrattand</u> li jkun qieghed jadduci raguni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi “illi ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata”.

7. Fil-kaz odjern ir-ritrattandi qeghdin jallegaw li huma ghandom dritt jitolbu ritrattazzjoni tal-kawza ghaliex is-sentenza in kwistjoni kienet applikat il-ligi hazin. Minn ezami tar-rikors tar-ritrattandi jirrizulta li huma <u>mkien</u> ma jsemmu l-ligi li fil-fehma taghhom kien imissa tigi applikata mill-Qorti u ghalhekk huma ma ssodisfawx dan ir-rekwizit tal-ligi li kellhom id-dmir li josservaw. Dan in-nuqqas ma jistax jitqies li hu nuqqas formalistiku izda *invece* huwa wiehed sostanzjali u konsegwentement l-aggravju relattiv tar-ritrattandi bazat fuq is-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 ma jistghax jintlaqa’ minn din il-Qorti.

8. Ir-ritrattandi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ukoll fuq is-subinciz (l) ta’ l-istes Artikolu 811. Dan is-subinciz jippermetti r-ritrattazzjoni tal-kawza meta s-sentenza ritrattanda tkun l-effet ta’ zball li jidher mil-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Il-ligi stess tinterpreta dan il-motiv ta’ ritrattazzjoni hekk:

"Ghal finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita positivament, basta li, fil-kaz li wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

9. Is-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXV-I-137 tfisser din id-disposizzjoni hekk:

"*L'errore che puo' costituire motivo di ritrattazione dev' essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione, ed e` necessario ancora che tale errore abbia determinato la decisione del giudice.*

10. Fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Ottubru 2003 minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet **Katherin mart Joseph Caruana et v. Anna Schembri et** intqal hekk;

"Dan is-subinciz (l) jidistingwi ruhu mis-subinciz (e) billi mentri f'dan ta' l-ahhar hi prevista ritrattazzjoni fuq zball ta' ligi, f'ta' l-ewwel si tratta ta' raguni bazata fuq zball ta' fatt. Iz-zewg subincizi huma redatti, tista tghid, bl-istess lokuzzjoni u jimponu l-istess restrizzjonijiet fl-applikazzjoni taghhom biex jigi assigurat li r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni jkun tabilhaqq wiehed ta' natura eccezzjonali u li dan ma jigix abbuzat biex jipprovdi forma ta' Qorti ohra ta' revizjoni."

11. Fid-dawl ta' din id-disposizzjoni l-fatti li jkunu jemanaw minn atti jew mid-dokumenti tal-kawza, li jkunu kontestati fl-istess kawza u li dwarhom il-gudikant ikun ghamel apprezzament jew interpretazzjoni u jkun ta decizjoni dwarhom, ma jistghux jaghtu lok ghar-ritrattazzjoni fuq il-motiv kontenut fuq is-subinciz (l) ta' l-Artikolu 811 ta' l-istess Kodici.

12. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-kwistjonijiet li ressqu r-ritrattandi u li jinsabu in succint elenkati fil-paragrafu erbgha (4) ta' din is-sentenza ma jiswewx biex jibbazaw motiv ta' ritrattazzjoni fuq is-subinciz (l). Dana ghaliex ic-cirkostanzi hemm imsemmija kienu in kontestazzjoni fil-kawza. Is-sentenza appellata gharblet il-provi u tat aktar piz u aktar kredibilita` lit-tezi tal-attur milli lit-tezi tal-konvenuti. Ikun utili f'dan ir-rigward li tigi riprodotta parti mir-risposta ta' l-attur ghar-rikors tar-ritrattandi, ezattament fejn huwa jirribatti l-lanjanzi msemmija tar-ritrattandi b'dan il-mod;

"Ghall-precizjoni u kompletezza tal-fatti pero` jigi rilevat illi kuntrarjament ghal dak li ssottomettew il-kontendenti Schiavone, huma bnew kamra fl-ghalqa li kienu jokkupaw u li tnehhiet b'*direct action* tal-MEPA fl-1 ta' Awwissu 2006; il-kmamar u bir li saret riferenza ghalihom qeghdin f'parti ohra tal-ghalqa lejn il-Lvant markata A1 u kulurita bl-ahmar fuq il-pjanta ezebita fil-process u dawn il-kmamar u bir ma kinux qed jigu okkupati mill-kontendenti Schiavone u ghalhekk ma kinux jifformaw parti mill-mertu tal-kawza; il-kontendenti Schiavone xehdu li l-art f'idejhom kienet moghtija lilhom b'cens perpetwu mill-Kurja mentri l-art in kwistjoni ma hi soggetta ghal ebda cens tal-Kurja; il-kwistjoni tal-kejl ma kienx fatt li wassal ghad-decizjoni tal-Qorti fuq il-mertu ghalkemm dahlet fih."

Minn dak li ntqal sa issa jirrizulta li r-ritrattandi Schiavone ma rnexxilhomx jippruvaw li s-sentenza impunjata applikat il-ligi hazin jew li hija kienet l-effet ta' zball li jidher mil-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghalhekk it-talbiet kontenuti fir-rikors tar-ritrattazzjoni taghhom ma jistghux jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrespingi d-domanda ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija – bl-ispejjez kontra r-ritrattandi Schiavone, u b'dana li t-terminu ta' xahrejn biex il-konvenuti Schiavone johorgu mil-art in kwistjoni wara li jnehhu minn fuqha kull binja li tellghu huma, ghandu jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------